MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 1126/1998/1

**Rita Nicolosi**

**v.**

**Louis Carter u Leonard Ellul**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-25 ta' Mejju, 1998, li taqra hekk:

"Premess illi l-attrici hija proprjetarja tal-fond "Vita", Triq il-Bahrija, Wied il-Ghajn;

“Premess illi fil-11 ta’ Marzu, 1997 sehh incendju fil-fond proprjeta` ta’ l-attrici;

“Premess illi dan l-incendju sehh minhabba difett fis-sistema elettrika li giet installata fil-fond in kwistjoni mill-konvenuti, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;
“Premess illi b’rizultat ta’ dan l-incident l-attrici soffriet danni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Premess illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-eventwali hlas ta’ danni baqghu inadempjenti;

“Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:-

“1. Tiddikjarahom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici fl-incendju li sehh fil-11 ta’ Marzu, 1997 gewwa l-fond “Vita”, Triq il-Bahrija, Wied il-Ghajn, u dan ghar-ragunijiet fuq premessi;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi; u

“3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ April, 1997 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi;
“(1) *In linea* preliminari l-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontraditturi u konsegwentement ghandhom jigu liberati *ab observantia;*

“(2) Bla pregudizzju t-talba attrici hi preskritta fit-termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16;

"(3) F'kull kaz it-talba attrici hi insostenibbli fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-installazzjoni tal-elettriku saret skond kif mehtieg tant li giet approvata mill-Awtorita` kompetenti;

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2001, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

"Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici qed tallega li sar incendju fl-immobbli taghha indikat fl-istess citazzjoni minhabba xoghol hazin ta' installazzjoni ta' elettriku li gie installat mill-konvenuti, u ghalhekk qed titlob li l-istess konvenuti jigu ddikjarati reponsabbli ghall-istess hruq u konsegwenti danni, u sabiex jigu kkundannati jhallsu d-danni li jigu likwidati lill-attrici.

"Illi min-naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li huma ma humiex il-legittimi kontradittur peress li kemm ix-xoghol u kemm l-bejgh tal-fond *de quo* sar mis-socjeta` Sunlight Homes Company Limited, li llum tinsab xolta; qed jeccepixxu wkoll l-preskrizzjoni u fl-ahharnett li ma humiex responsabbli ghall-hsarat stante li l-istess xoghol sar skond l-arti u s-sengha tant li gie wkoll approvat mill-Awtorita` kompetenti.

"**<u>B. Provi Prodotti Dwar l-Ewwel Eccezzjoni.</u>**

"Illi l-konvenut Louis Carter fl-affidavit tieghu tat-22 ta' Novembru 1999 a fol. 17 u 18 tal-process sostna li l-konvenuti kienu fformaw s-socjeta` "Sunlight Homes Company Limited" li l-ghan principali taghha kien li tixtri artijiet u tizviluppahom.

"Illi l-istess xhud kompla jghid li l-procedura taghha kienet li jixtru l-art, u qabel ma jibdew jizvillupaw jifthemu max-xerrej kif ser isir il-bini u l-kundizzjonijiet tax-xoghol dwar l-

istess, jiqabdu bennejja biex isir ix-xoghol u jsir il-bini skond ix-xewqa tax-xerrej.

“Illi f’kull kaz kien issir ftehim ta’ appalt bil-miktub, izda f’dan il-kaz l-istess ftehim ma setax jinstab, ghalkemm l-istess ftehim kien jifforma parti mill-konvenju ghall-bejgh tal-istess proprjeta`.

“Illi l-art in kwistjoni f’Wied il-Ghajn kienet inxtrat mill-kumpanija u fuqha inbena terran mibjugh lill-attrici u zewg appartamenti fuqu, u l-kuntratt mal-attrici sar fit-12 ta’ Ottubru 1990, u s-sistema ta’ installazzjoni ta’ dawl sar mill-istess socjeta` skond is-sengha u approvata mill-Korporazzjoni Enemalta, u l-ebda ilment ma sar mal-kumpanija dwar installazzjoni allegata difettuza tal-istess dawl, u dan sakemm l-istess socjeta` giet xolta fl-1994, u l-konvenuti personalment qatt ma assumew id-debiti jew l-obbligazzjonijiet tal-istess socjeta`.

“Illi in kontro-ezami l-istess konvenut Louis Carter fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2001 sostna li x-xoghol sar bejn l-istess konvenuti u kienu *partners* fis-socjeta` msemmija, u sostna li x-xoghol sar qabel il-kuntratt ta’ bejgh.

“Illi sostna li saru pagamenti mill-attrici lilhom kemm ghar-rigward tal-prezz tal-immobbli u kemm ghax-xoghol ta’ appalt, u dawn kienu jsiru perjodikament, u l-pagamenti kienu jsiru f’daqqa, cioe` mhux individwalment ghall-prezz tal-bejgh u appalt, izda kollox f’pagamenti unici li ma jiddistingwux bejn l-bejgh u l-appalt. Illi kienu saru ricevuti dwar dawn l-istess pagamenti li kopja taghhom giet esebita f’din il-kawza. Illi l-istess konvenut sostna li dawn ir-ricevuti dejjem hargu f’isem il-kumpanija, u dawn l-istess ricevuti jinsabu esebiti, ghalkemm ma hemmx l-isem tas-socjeta` imkien fuqhom.

“Illi in re-ezami sostna li l-post inbiegh mis-socjeta` msemmija lill-attrici bil-kuntratt esebit, u qabel kien qed isir ix-xoghol skond *standard form* li kien jigi uzat mill-istess kumpanija anke kif jidher fil-kaz ta’ Schembri li jinsab pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, liema *standard form* pero` ma setax jinstab biex jigi esebit f’din

il-kawza, u kien gie ffirmat ghand in-Nutar Gatt. L-istess kumpanija kienet taghmel ix-xoghol ta' kostruzzjoni u *finishes.* Dan il-ftehim kien sar quddiem in-Nutar, pero` ma baghatx kopja tal-istess. Gie esebit ukoll kuntratt tal-akkwist mill-istess socjeta` tal-art li fuqha sar l-istess bini datat 26 ta' Ottubru 1988 a fol. 71 tal-process.

"Illi min-naha l-ohra l-attrici sostniet li hija kienet xtrat il-fond *de quo* Vita, Triq l-Arzell, gia` Triq il-Bahrija, Marsascala minghand is-socjeta` "Sunlight Homes Company Limited", u kienet lahqet ftehim mal-konvenuti li jaghmlu xoghol ta' elettriku u ilma, tqeghid ta' madum, tqeghid ta' zewgt ikmamar tal-banju, aperturi u xoghol ta' kisi u tibjid fl-istess fond, u dwar dan l-appalt qatt ma giet iffirmata l-ebda skrittura. Fil-fatt ix-xoghol kollu tad-dawl kien sar effettivament minn Louis Carter personalment li gieli kien igib lit-tifel tieghu fuq il-post biex ighinu.

"Illi kienet ilmentat mal-konvenuti f'April 1997, u dan wara li kien hemm hruq fid-dar taghha u saret il-hsara, u wara kien irrizulta li s-sistema tal-elettriku kienet difettuza ghaliex il-*wires* tal-*life* u *neutral* kienu maqlubin u li l-*wire* li ntuza ma kienx ohxon bizejjed.

"**C. APRREZZAMENT TAL-PROVI.**

"Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn qed isostnu li huma mhux l-legittimi kontraditturi tal-attrici stante li x-xoghol ta' dawl u elettriku fil-fond *de quo* mertu tal-kawza odjerna, sar mis-socjeta` Sunlight Homes Company Limited u mhux mill-konvenuti personalment.

"Illi ghalhekk huwa l-oneru taghhom li jippruvaw dak li qed jallegaw u dan abbazi tal-Artikolu 562 tal-Kap. 12, u din il-prova ghandha issir tramite l-mezzi disponibbli bil-ligi, bl-iskop li tigi mahluqa f'mohh il-gudikant dik ic-certezza morali jew *moral certainty* li tammonta ghall-iktar minn dik li tissejjah *a mere possibility.* Fil-fatt fis-sentenza **Paul Vassallo et v. Carmelo Pace** (A.C. 5 ta' Marzu 1986 – LXX.ii.145) inghad illi:-

*"“Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f’kawza civili, hija l-effett tal-‘balance of probabilities’”.* **(Zammit v. Petrococchino nomine** – A.C. 25 ta’ Frar 1952, XXXVI.i.319; **Carmelo Borg proprio et nomine v. Manager tal-Intrapriza tal-Halib –** P.A. 17 ta’ Lulju 1981).

“Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-konvenuti qed jallegaw li l-ftehim ta’ appalt inkluz dak mertu tal-kawza odjerna, dwar stallazzjoni ta’ elettriku fil-fond tal-attrici ndikat fic-citazzjoni sar mas-socjeta` Sunlight Homes Company Limited li taghha l-istess konvenuti allegatament kienu d-diretturi taghha, u ghalhekk r-relazzjoni attrici dwar l-istess xoghol kienet biss mal-istess socjeta` u mhux mal-konvenuti personalment, anke jekk l-istess socjeta` llum ma ghadiex tezisti peress li giet xolta fl-1994, ghax l-konvenuti qatt ma assumew l-obbligi tal-istess socjeta`.

“Illi hemm qbil bejn il-partijiet li allura sta ghall-istess konvenuti li jipprovaw dak li huma qed jallegaw, u fl-opinjoni tal-Qorti dan assolutament ma rnexxielhomx jaghmluh abbazi tal-provi prodotti f’din il-kawza miz-zewg partijiet.

“Illi fl-ewwel lok l-istess konvenut Louis Carter, li kien l-unika persuna prodotta mill-konvenuti biex jixdhu f’din il-kawza, sostna li dan l-appalt kien il-mertu ta’ skrittura privata ffirmata bejn l-istess konvenuti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` indikata u l-istess attrici, u dan l-appalt kien jifforma parti mill-konvenju ghat-trasferiment tal-istess fond mill-istess socjeta` Sunlight Homes Company Limited lis-socjeta` attrici kif jidher mill-kuntratt ta’ akkwist tal-istess post skond kuntratt pubbliku redatt min-Nutar Anthony Gatt datat 12 ta’ Ottubru 1990 u esebit a fol. 19 tal-process.

“Illi pero` din l-iskrittura privata fl-ebda stadju tal-kawza ma giet prodotta, u dan certament huwa ta’ pregudizzju serju ghall-allegazzjoni tal-istess konvenuti, stante li l-

iskrittura medessima kienet tkun l-ahjar prova ghan-natura ta’ ftehim milhuq mal-attrici dwar l-istess appalt mertu tal-kawza odjerna.

“Illi jigi rilevat li din l-ezistenza tal-iskrittura privata giet kontrastata mix-xhieda tal-attrici nnifisha, li sostniet li dwar l-istess appalt ma giet iffirmata l-ebda skrittura privata u l-ftehim sar verbalment mal-konvenuti proprju, u ghalhekk l-oneru jibqa’ fuq l-istess konvenuti li jipprovaw kemm tali ftehim mas-socjeta` indikata u wkoll li dan il-ftehim gie redatt in iskritt.

“Illi izda l-konvenuti lanqas din il-prova tal-ezistenza tal-iskrittura privata ma ghamlu, anke ghaliex ix-xhieda tal-konvenut Louis Carter ma hija bl-ebda mod ikkoroborata minn ebda xhieda ohra, lanqas tal-konvenut l-iehor u l-istess Nutar li allegatament irrediga l-istess allegat ftehim ta’ appalt, tant li la l-konvenut l-iehor u lanqas l-istess Nutar Anthony Gatt, ma tressqu bhala xhieda sabiex isostnu din it-tezi tal-konvenuti, u jekk mhux biex jipprezentaw l-istess skrittura, sabiex jikkonfermaw l-ezistenza taghha, anke jekk illum ma tistax tinstab.

“Illi ghalhekk l-unika prova li ghandha din il-Qorti dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenuti li huma ma humiex il-legittimi kontradittur tal-attrici fuq il-mertu tal-kawza odjerna, hija biss ix-xhieda tal-konvenut Louis Carter, kontradetta kif inhi b’mod kategoriku mill-istess attrici, liema allegazzjoni tal-konvenuti ma hija bl-ebda mod korroborata, anzi, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti hemm provi li jimmilitaw kontra l-allegazzjoni tal-istess konvenuti.

“Illi il-fatt li l-kuntratt ta’ akkwist tal-fond *de quo* da parte tal-attrici mis-socjeta` Sunlight Homes Company Limited datat 12 ta’ Ottubru 1990 sar proprju mis-socjeta` appena indikata u mhux mill-konvenuti ma ghandu ebda rilevanza ghall-mertu tal-kawza odjerna, stante li r-relazzjoni u l-kawzali li fuqha saret l-azzjoni odjerna ma hijiex naxxenti mill-istess kuntratt ta’ bejgh izda mir-relazzjoni mal-attrici dwar il-ftehim ta’ appalt, verbali jew in iskritt ezistenti bejn il-partijiet, u l-istess kuntratt esebit a fol. 19 tal-process ma

jitfa’ l-ebda dawl fuq ir-relazzjoni ta’ appalt ezistenti mal-attrici u fil-fatt lanqas qed jitkellem xejn dwaru.

“Illi l-istess jinghad dwar il-kuntratt ta’ akkwist da parte tas-socjeta` Sunlight Homes Company Limited permezz tal-kuntratt datat 24 ta’ Ottubru 1988 tal-art li eventwalment inbena l-fond tal-attrici fuqha, ghaliex dan ma ghandu x’jaqsam xejn mar-relazzjoni ta’ appalt mertu tal-kawza odjerna.

“Illi *di piu* fil-kuntratt ta’ akkwist tal-proprjeta` attrici tat-12 ta’ Ottubru 1990 ma hemm l-ebda riferenza ghal xoghol ta’ elettriku maghmul fil-fond tal-istess attrici u l-unika riferenza li hemm hija l-garanzija moghtija mis-socjeta` venditrici li l-fond *de quo “inbena skond il-permessi u regolamenti mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti nkluzi tal-Estetika u Sanita’ huma konformi mal-istess permessi u tiggarantixxi wkoll li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u l-gebla hija ta’ kwalita` tajba u ma intuzax gebel soll,”* kollha fl-ambitu tar-relazzjoni ta’ bejgh bejn l-istess attrici u s-socjeta` indikata.

“Illi apparti dan jirrizulta li hemm fil-fatt skrittura privata ffirmata mill-attrici wkoll datata 12 ta’ Ottubru 1990 fejn jissemma l-*‘bilanc tal-post mibni fuq plot 8, Triq il-Bahrija, M’Skala li jgib l-isem Vita, huwa ta’ elfejn, mitejn u tlieta u tlettin Liri Maltin (Lm2,233). Din is-somma hija dovuta minn Guzeppi Nicolosi u martu Rita lill-Leonard Ellul u Louis Carter…”.*

“Illi din l-iskrittura jidher li saret fl-istess gurnata tal-kuntratt imsemmi u ffirmata biss mill-attrici u zewgha, u mhux mill-konvenuti, u tirrikonoxxi debitu dwar l-istess post a favur l-istess konvenuti personalment, u dan meta l-prezz tal-immobbli stabbilit skond il-kuntratt ta’ bejgh bejn l-attrici u s-socjeta` venditrici skond il-kuntratt premess tal-istess data kien thallas kollu, kif jidher minn fol.24 tal-process fis-sitt (6) pagna tal-kuntratt ta’ akkwist datat 12 ta’ Ottubru 1990, u allura l-unika konkluzjoni plawsibbli u legali hija li l-istess ammont kien dovut ghal xoghol esegwit fuq l-istess fond mill-istess konvenuti fil-kwalita` taghhom personali kif indikati fl-istess dikjarazzjoni tal-attrici u

zewgha, wkoll kif manifestat mir-ricevuti sussegwenti kollha mill-1 ta' Novembru 1990 sat-28 ta' Jannar 1994, esebiti minn fol. 30 sa 38 tal-process u wkoll iffirmati biss in gran parte mill-konvenut Leonard Ellul u wkoll fl-ahhar ricevuti mis-7 ta' April 1993 sat-28 ta' Jannar 1994 mill-konvenut l-iehor ukoll Louis Carter.

"Illi ghalhekk jidher li mill-istess dokumenti, l-istess konvenuti ffirmaw l-istess ricevuti fil-kwalita` taghhom personali u dan konsistentement ghal numru ta' snin u ghal diversi pagamenti maghmula mill-attrici mid-data tal-istess kuntratt ta' trasferiment, u d-dikjarazzjoni tal-istess data tal-attrici u zewgha verso il-konvenuti personalment, li jindikaw bla ebda dubju, li la darba l-istess ammonti kienu jinkludu pagament anke tal-appalt mertu tal-kawza odjerna, li r-relazzjoni ezistenti tal-istess attrici dwar l-istess appalt mertu tal-kawza odjerna kien biss mal-istess konvenuti, li effettivament u fizikament ghamlu ix-xoghol tal-installazzjoni tad-dawl fil-fond *de quo.* Dan apparti l-fatt li skond l-istess kuntratt ta' bejgh esebit mill-istess konvenuti, datat 12 ta' Ottubru 1990, jidher li bhala tali l-prezz tal-bejgh tal-istess immobbli kien thallas kollu u ma kien hemm ebda bilanc tal-prezz dovut mill-attrici lis-socjeta` venditrici, u dan il-kuntratt gie esebit mill-konvenuti innifishom.

"Illi mill-istess ricevuti ghalhekk jidher li l-istess konvenuti kienu qed jaccettaw tali pagamenti f'isimhom, u mkien ma hija indikata l-isem tas-socjeta` msemmija, lanqas f'wahda biss mir-ricevuti, u ghalhekk jidher car li abbazi tal-provi prodotti l-unika relazzjoni li tezisti dwar l-istess appalt hija proprju dik bejn l-istess attrici u l-konvenuti fil-kwalita` taghhom personali.

"Illi hawn huwa rilevanti dak li semmiet l-attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha u cioe` dak li intqal fis-sentenza **George Demanuele nomine v. Mauro Gagliano** (P.A. 19 ta' Mejju 1995, Citaz. Numru 250/94) :-

""Min qed jallega li l-kuntratt ghamlu mhux f'ismu izda fi kwalita` rapprezentattiva ghandu l-oneru li juri li lill-parti l-ohra kien gharrafha li ma kienx qed jidher f'ismu".

“Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuti b’xi mod ghamlu dan, anzi mir-ricevuti esebiti jirrizulta proprja u konsistentement il-kuntrarju, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ma tistax tigi milqugha.

“Illi dwar ir-riferenza li saret mill-konvenuti ghall-kawza fl-ismijiet **Emanuel Schembri et v. Leonard Ellul et** (Citaz. Numru 1169/98/RCP - P.A. 30 ta’ Ottubru 2001), din ma ghandha x’taqsam xejn mal-kawza odjerna, u apparti li l-fattispecie tal-istess kaz huma ghal kollox differenti minn dawk tal-kaz odjern, tant li jittrattaw dwar partijiet differenti u anke dwar interpretazzjoni ta’ skrittura privata attwalment esebita f’dawk l-atti processwali tal-istess kawza, dak il-process u dik is-sentenza huma *res inter alios acta* fil-konfront tal-attrici odjerna, u wkoll l-provi fl-istess imsemmija kawza ma jikkostitwux u ma humiex provi f’din il-kawza. Illi ghalhekk l-insenjamenti u l-konkluzjonijiet fl-istess kawza citata ma ghandhom x’jaqsmu xejn mal-kawza odjerna, anzi huma ben distinti u separati minnha, ghaliex jittrattaw dwar relazzjoni ghal kollox differenti minn dik tal-kawza odjerna, u ma’ terzi persuni, xoghlijiet, u mmobbli, li ma humiex involuti u lanqas konnessi mal-kawza tal-lum.”

Rat is-sentenza finali moghtija mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Novembru 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:

“......billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 u l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens biss hawn deciz b’dan illi:-

“1. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici fl-incendju li sehh fil-11 ta’ Marzu, 1997 gewwa l-fond “Vita”, Triq il-Bahrija, Wied il-Ghajn, u dan ghar-ragunijiet indikati f’din is-sentenza;

“2. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta’ tlett elef, hames mija u tlieta u tletin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm3,533.40) [ekwivalenti ghal tmien t’elef

mitejn u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmi tal-Ewro] (€8230.61); u

"3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici l-ammont ta' tlett elef, hames mija u tlieta u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm3,533.40) [ekwivalenti ghal tmien t'elef mitejn u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmi ta' l-Ewro] (€8,230.61).

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tad-decizjoni tat-30 ta' Ottubru 2001 kontra l-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li l-konvenuti jigu ddikarjati responsabbli ghall-hruq li sar fil-fond "Vita", Triq il-Bahrija, Wied il-Ghajn, peress li allegat li dan sehh minhabba li saret installazzjoni hazina tas-sistema elettrika fl-istess post mill-konvenuti, u ghalhekk responsabbli ghad-danni li soffriet kawza tal-istess, u ghalhekk talbet li jigu likwidati l-istess danni, u l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-istess.

"Illi fl-ewwel lok ghandha tigi kkunsidrata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Il-konvenuti eccepew l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jipprovdi li:-

*""L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin:*

*"(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

"Illi fil-kawzi fl-ismijiet **Philip A. Tabone noe v. Concrete Mix Limited** (P.A. (JRM) – 28 ta' Lulju 2004 - Cit. Nru: 1750/99/JRM) u **Paul Tabone et v. Dominic Cutajar et** (P.A. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006 fir-rigward ta' dan l-artikolu jinghad li din hija wahda minn dawk imsejhin

'preskrizzjonijiet qosra'. Ghalhekk, kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira dejqa (Ara, per ezempju, ***Baudry-Lacantinerie et Tissier fit-<u>Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile</u> [Vol.XXVIII, 'Della Prescrizione'*** par.712). Issa jrid jinghad li ghalkemm il-kelma 'kreditu' tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta il-kelma 'kreditu' msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu (ara kawza fl-ismijiet **Naudi v. Maltacom p.l.c.** P.A. (GCD) – 9 ta' Novembru 2001). Ta' min ighid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-Artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare*.

*""Illi peress li l-preskrizzjoni 'residwali' mahsuba taht l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 hija suggetta ghall-interpretazzjoni "eiusdem generis", allura dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus (App. Civ 7/2/1949 fil-kawza fl-ismijiet* ***Saliba et v. Grech*** *[Kollez. Vol.XXXIII.i.397]). Kemm hu hekk, inghad li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus (P.A. 19/10/1954 fil-kawza fl-ismijiet* ***Mifsud v. Pullicino*** *[Kollez. Vol XXXVIII.ii.588])".*

"Illi fl-istess sens hija d-decizjoni **A.I.C. Barbara et v. Onorevoli Prim Ministru** (Q.K. 7 ta' Ottubru 1997) fejn inghad li skond id-diversi sentenzi fosthom **Francesco Spiteri v. Eustratio Petrococchino et** (K. 9 ta' Jannar 1919 – Vol. XXIV.iii. 733); **Giovanni Saliba et v. Angelo Grech** (A.C. – 7 ta' Frar 1949 – Vol. XXXIII.i.397); **Anthony Falzon nomine v. Magistrat Dr. Agostino Gauci Maestre et** (A.C. – 4 ta' Frar 1952 – Vol.

XXXVI.i.16; **Giovanni Mifsud v. Giuseppe Pullicino** (P.A. 19 ta' Ottubru 1954 – Vol. XXXXVIII.ii.588); **Lorenza Buttigieg et v. Gio Batta Caruana** (A.C. – 14 ta' Frar 1955 – Vol. XXXIX.i.101); **Mons. Lorenzo Spiteri v. Giuseppina Aquilina** (P.A. 26 ta' Gunju 1958 – Vol. XLII.ii. 1106); **Mary Anastasi et v. Dr. Paul Mallia nomine et** (P.A. 4 ta' Frar 1974) u **Philip Grima v. Dr. Joseph Cassar Galea** (A.C. 16 ta' Dicembru 1966) jirrizulta li l-paragrafu (f) tal-artikolu *in disamina* ghandu jiricievi interpretazzjoni in bazi ghar-regola ta' *eiusdem generis* in korrelazzjoni max-xorta ta' krediti msemmija fl-incizi li jigu qabel tal-istess artikolu, u li mhux accettabbli interpretazzjoni estensiva ta' dan l-artikolu. L-espressjoni "kull kreditu iehor" jidher li dejjem giet interpretata bhal li tirreferi ghal kreditu ta' flus jew li jkollu l-istess natura bhal flus.

"Illi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jirrizultaw fil-kaz prezenti, billi l-kreditu pretiz mill-atturi huwa wiehed li jaqa' fil-parametri tal-krediti mahsubin fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 u dan huwa soffermat ukoll mis-sentenza fl-ismijiet **Louis Muscat v. A.I.C. Anthony Borg et** (A.C. – 5 ta' Ottubru 2001) fejn gie sostnut li la darba l-kawza titratta dwar danni derivanti minn inadempjenza kontrattwali huwa applikabbli l-Artikolu 2156(f) u dan jinkludi wkoll meta xoghol miftiehem ma jkunx sar skond is-sengha u l-arti.

"Illi jidher li l-konvenuti qed isostnu li la darba dan ix-xoghol sar fis-sena 1990 u l-kawza saret fil-25 ta' Mejju 1998 mela allura l-azzjoni odjerna hija preskritta, izda din il-Qorti thoss li la darba l-attrici saret taf bix-xoghol hazin li sar fl-istess sistema ta' dawl u elettriku f'data wara l-11 ta' Marzu 1997, data meta fil-fatt sehh l-incendju mertu tal-kawza odjerna, din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha, u dan peress li tali zmien ghandu jibda jiddekorri biss meta l-istess attrici saret taf bil-hsara, u dan ma sehhx qabel id-data tal-incendju (**Louis Muscat v. A.I.C. Anthony Borg et** (A.C. – 5 ta' Ottubru 2001), u dan ghaliex tali terminu ghandu jiddekorri minn meta l-azzjoni setghet tigi ezercitata u f'dan il-kaz dan ifisser id-data meta l-istess attrici saret taf bil-hsara, li hija d-data tal-incendju mertu

tal-kawza odjerna. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-konvenuti qed tigi michuda u dan peress li t-terminu indikat fl-imsemmi artikolu ma setax jibda jghaddi hlief mid-data tal-11 ta’ Marzu 1997. B’hekk il-kawza attrici ma hijiex preskritta.

“Illi l-istess attrici tallega li l-hruq li sar fil-11 ta’ Marzu 1997 sehh minhabba li x-xoghol ta’ installazzjoni ta’ elettriku fil-fond “Vita”, Triq il-Bahrija, Wied il-Ghajn ma sarx skond is-sengha u l-arti *da parte* tal-konvenuti u din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti l-azzjoni attrici hawn giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi u hawn issir riferenza kemm ghax-xhieda tal-istess attrici u kif ukoll ghax-xhieda ta’ Neville Dimech li kien jahdem mad-ditta Salamander inkarigata mis-socjeta` assigurattrici tal-immobbli wara l-hruq sabiex isir tindif tal-post u sabiex jergghu jaghddu sistema ta’ dawl u ilma, u tant li skond l-istess xhieda meta kien qed jaghmel dan ix-xoghol sab li x-xoghol ta’ dawl kien sar hazin, kemm ghaliex ma kienx hemm *wires* addatti ghaliex ma kellhomx sahha ta’ vultagg bizejjed ghall-apparat li kien ser jitqabbad mal-*plugs*, u dan ghaliex il-*life* ma kienx bid-*double circuits*, meta f’postijiet bhal kcina suppost li hekk ikun. Barra minn dan kien hemm id-dawl mill-kcina ghaddej ghal gol kamra li kienet tidher li tintuza bhala studju, fejn kien hemm *geyser,* kompjuter u *heater* imqabbdin. Dan in-nuqqas seta’ wassal sabiex il-*wires* jishnu u jaqbdu. Gie stabbilit ukoll li d-daqs tal-*wires* ma kienx addattat ghas-sahha tal-apparat li wiehed isib id-dar partikolarment gol kcina bhal forn, *hood, microwave* u *fridge*; u fl-ahharnett kien hemm postijiet bhal kuridur fejn il-wires kienu kollha ta’ kulur wiehed meta suppost ikun hemm erba’ kuluri bil-konsegwenza li tkun trid tahdem ma tkunx tista’ peress li ma tkunx taf liema huwa n-*neutral* u l-*live*.

“Illi din il-Qorti thoss li din il-prova tal-attrici ma giet bl-ebda mod kontradetta u f’dan is-sens din il-Qorti tinnota li x-xhieda ta’ Joseph Zahra tad-9 ta’ Novembru 2005 ma tasalx sabiex tikkontradixxi l-istess u dan peress li din il-Qorti ma thossx li l-istess xhud ghamel ezami serju u addattat tax-xoghol li sar mill-konvenuti fuq l-installazzjoni

tal-elettriku tal-fond imsemmi izda biss ghamel spezjoni formali u biss *di vista'* biss sabiex jitwahhal il-*meter* tad-dawl. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li lanqas hemm dubju f'dawn il-proceduri li l-istess xoghol tal-elettriku sar mill-konvenuti u x-xhieda tal-attrici u d-dokumenti esebiti jikkonfermaw dan, fosthom dak li jinsab a fol. 119 tal-process u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

"Illi ma hemm l-ebda dubju li minhabba l-istess hruq giet ikkawzata hsara sostanzjali fl-istess immobbli izda ghal dak li huwa hsarat fl-istess l-attrici kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Minkejja dan jirrizulta li saret hsara fil-mobbli li kien hemm fl-istess fond fejn jirrizulta li n-nirien kienu estensivi u inharaq kollox u dan kif jidher mir-ritratti li huma esebiti a fol. 161 sa 118 tal-process u mix-xhieda tal-istess attrici u tal-imsemmi Neville Dimech. L-istess attrici pprezentat lista ta' oggetti u danni ohra li allegatament gew sofferti minnha u l-istess oggetti ndikati jikkonsistu f'ghamara, *appliances*, kompjuter, kollezzjoni ta' pupi, kotba, hwejjeg, tapiti, disa' bagalji allegatament mimlija lozor, ghodda, u inkwadri u dan apparti xoghol ta' elettriku, *polish* fl-ghamara u x-xoghol fuq pumi u dan skond nota guramentata datata 3 ta' Marzu 2003. Illi fl-kontro-ezami li sar fl-10 ta' Novembru 2004, irrizulta li l-istess attrici sostniet li l-valuri hemm indikati huwa l-prezz tal-istess oggetti, b'dan li fost affarijiet ohra indikat li t-*television* kien ilu 3 snin, il-*video* kien ilu sentejn, u l-kompjuter kien ilu mixtri sitt snin, apparti xhieda ohra dwar oggetti ohra bhal kotba, il-bagalji, it-tapiti etc.

"Illi din il-Qorti thoss li abbazi tal-istess xhieda din il-Qorti ma tistax timxi fuq il-valuri moghtija mill-attrici tad-diversi oggetti anke ghaliex l-istess oggetti soffrew diprezzament u ghalhekk anke permezz ta' apprezzament moghti *arbitrio boni viri* (**Carmelo Micallef v. Direttur tax-Xoghlijiet** – A. C. 28 ta' Frar 2001) din il-Qorti qed tasal ghall-ammont ta' Lm3,533.40 (€8,230.61) b'dan li din il-Qorti hasset li ghandha tiehu in konsiderazzjoni li l-prezz tal-oggetti bhat-televisjoni, *video recorder, hi fi equipment, washing machine, geyser*, u ghodda tal-Black & Decker ghandhom jigu mnaqqsa b'60% minhabba d-

diprezzament taghhom u ghalhekk l-*items* (i) (ii) (iii) (xiii) (xvii) u (xviii) qed jinghatalhom valur ta' Lm514.40 (€1,198.23); il-valur tal-kompjuter ma ghandux ikun iktar minn Lm200 (€465.87) anke *in vista'* ta' dak li xehdet l-attrici; u fil-kaz ta' ghamara din il-Qorti thoss li ghandu jigi kkunsidrat deprezzament ta' 50% fuq l-istess b'dan li l-valur komplessiv tal-oggetti indikati fl-*items* (v) (vi) (vii) (viii) u (x) ghandu jammonta ghall-Lm539 (€1,255.53); dwar l-pupi din il-Qorti ser timxi fuq il-valur ta' Lm400 (€931.75) u dan anke *in vista* tax-xhieda tal-attrici fil-kontro-ezami taghha u dwar hwejjeg tat-tifla l-ammont ghandu jigi mnaqqas ghal Lm150 (€349.41); dwar il-kotba l-valur ghandu jkun ta' mhux iktar minn Lm50 (€116.47); il-valur taz-zraben qed jigi ridott ghal Lm100 (€232.94); u l-valur tad-dekorazzjonijiet tal-Xmas Tree ma ghandux jaccedi l-ammont ta' Lm50 (€116.47); il-valur tal-inkwadri l-ammont ma ghandux ikun iktar minn Lm200 (€465.87). Dwar l-ammont indikat tal-kontenut tad-9 bagalji (*item* xvi) din il-Qorti thoss li dan ma giex ippruvat u din il-Qorti thoss li x-xhieda tal-attrici dwar l-istess ma tistax tigi accettat u l-istess dwar it-tapiti (*item* xv); fir-rigward tax-xoghlijiet indikati f'*items* (xx) (xxi) u (xxii) dawn qed jigu accettati peress li jidhru li huma ragonevoli. B'hekk it-tieni u t-tielet talba attrici qed tigi milqguha biss fl-ammont ta' Lm3,533.40 (€8230.61)."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti tas-17 ta' Dicembru 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"......tirrevoka u thassar is-sentenzi appellati fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u cioe` s-sentenza preliminari tat-30 ta' Ottubru 2001 u s-sentenza definittiva tad-29 ta' Novembru 2007, u minflok tilqa' s-sottomissjonijiet u l-eccezzjonijiet tal-esponenti u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-attrici li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

“......tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Novembru 2007 fl-ismijiet hawn fuq premessi billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti li sabet lill-appellanti responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti tvarja l-ammont tal-istess danni hekk kif likwidat mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili billi tillikwida d-danni sofferti minnha fl-ammont ta’ erbgha u ghoxrin elf, seba’ mija u tmienja u hamsin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€24,758.91) ekwivalenti ghal ghaxart elef, sitt mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin (Lm10,629) u tikkundanna lill-appellanti jhallsu b’mod solidali l-istess ammont.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.”

Rat ir-risposta tal-konvenuti ghall-appell incidentali tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li:

“......l-appell incidentali tal-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha u minflok din il-Qorti ghandha tilqa’ l-appell tal-esponenti.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Dicembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti:

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attrici soffriet hruq fl-appartament taghha fi Triq il-Bahrija, Wied il-Ghajn. Hi qed tallega li dan l-incendju sehh minhabba difett fis-sistema tal-elettriku li installaw fil-fond il-konvenuti. Il-konvenuti wiegbu illi huma m’humiex il-legittimi kontraditturi tal-pretensjoni attrici ghax ix-xoghol kollu fil-post sar mill-kumpanija Sunlight Homes Co. Ltd, li llum hi xolta. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni bis-sentenza preliminari li tat fit-30 ta’ Ottubru 2001. Il-konvenuti, inoltre, osservaw li x-xoghol li wettqu sar skond l-arti u s-sengha, u li, f’kull kaz, l-attrici ma sofrietx id-dannu li qed tallega li sofriet. Bis-sentenza finali taghha tad-29 ta’ Novembru 2007, l-ewwel Qorti

sabet li l-incendju sehh minhabba nuqqasijiet fl-installazzjoni tal-elettriku attribwibbli lill-konvenuti, u wara li naqqset mill-pretensjoni attrici dwar id-danni, ikkundannat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ €8,230.61 in linea ta’ danni; l-ewwel Qorti cahdet ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Il-konvenuti appellaw minn dawn iz-zewg sentenzi u qed jitolbu r-revoka taghhom a bazi tal-istess aggravji mressqa ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti, filwaqt li l-attrici resqet appell incidentali li bih qed titlob awment fil-*quantum* tad-danni.

Din il-Qorti sejra tittratta l-aggravji kif imressqa ghall-konsiderazzjoni taghha.

**<u>Legittimu kontradittur</u>**

Fl-ewwel lok il-konvenuti jsostnu li huma personalment ma wettqu ebda xoghol fil-fond, peress illi l-ftehim ta’ appalt dwar stallazzjoni ta’ elettriku fil-fond tal-attrici sar mis-socjeta` Sunlight Homes Co. Ltd. Issa, filwaqt li hu veru li l-venditrici tal-fond kienet is-socjeta` in kwistjoni, ma jirrizultax li l-appalt biex isir ix-xoghol tal-elettriku inghata lill-istess kumpanija. Jidher li meta gie ffirmat il-kuntratt ta’ compro-vendita, gie ffirmat il-ftehim ta’ appalt, pero`, dan l-ahhar ftehim ma nstabx, u din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tistax tipprezumi li l-ftehim tal-appalt sar ukoll mas-socjeta` Sunlight Homes Co. Ltd. Li jirrizulta zgur mill-atti huwa li meta, wara l-iffirmar tal-kuntratt ta’ compro-vendita, il-partijiet iffirmaw skrittura ohra fejn gie determinat il-bilanc li l-attrici u zewgha kien fadlilhom ihallsu, il-ftehim kien li l-flus jithallsu <u>lill-konvenuti personalment</u>, u mhux lill-kumpanija. Issa fuq l-att ta’ trasferiment, il-kumpanija venditrici ddikjarat li rceviet il-hlas kollu ghall-bejgh tal-fond, u kull bilanc li seta’ kien dovut kien hekk dovut in konnessjoni mal-appalt – u dan il-bilanc, kif rajna, kellu jithallas lill-konvenuti personalment u mhux lis-socjeta` Sunlight Homes Co. Ltd. Dan juri li responsabbli ghax-xoghlijiet li saru kienu biss il-konvenuti personalment, tant li l-ircevuti ghall-pagamenti li kienu

jsiru gew iffirmati mill-konvenuti personalment, u mhux f'isem is-socjeta`.

Barra dan, din il-Qorti tara li hemm zewg konsiderazzjonijiet ohra li jwasluha tichad dan l-aggravju. Anke kieku l-appalt inghata lill-kumpanija, din ma tistax tahrab mir-responsabbilta` taghha li taghmel tajjeb ghad-danni f'kaz li ma wettqitx ix-xoghol skond l-arti u s-sengha, billi ixxolji lilha nfisha u thalli lill-allegati kredituri lampa stampa. Ir-responsabbilta` taghha hija limitata ghall-attiv waqt li dik tal-azzjonisti hija limitata bil-partecipazzjoni taghhom fil-kumpanija (salv li jigi pruvat negozju b'qerq); pero`, jekk il-kumpanija tigi xolta qabel ma jigu diskussi l-obbligazzjonijiet taghha, allura jidhlu responsabbli l-azzjonisti li, sal-limitu tar-responsabbilta` taghhom, iridu jaghmlu tajjeb ghal dawk l-obbligazzjonijiet – ara fuq dan il-punt is-sentenza studjata li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Mizzi noe v. Spiteri et** deciza fl-10 ta' Novembru 1999.

Apparti dan, ix-xoghol ta' elettriku, skond il-ligi, jista' jitwettaq biss minn persuna fizika, li jrid jissottometti ruhu ghall-ezami u jkun tal-anqas ta' 18-il sena – ara r-regolament 19 tal-Electricity Supply Regulations, ippubblikati l-ewwel darba fil-21 ta' Mejju, 1940 (Avviz Legali 223/40). Il-licenzja tinghata lill-individwu li jinghata numru li jkun irid jikwota f'kull certifikazzjoni tal-installazzjoni li jaghmel. Din il-htiega ta' licenzja twassal ghar-responsabbilta` tal-*licencee* ghall-installazzjoni tal-elettriku li jsir go fond, u l-installazzjoni tal-elettriku trid bilfors issir minn persuna awtorizzata li, allura tkun responsabbli ghal dak li jsehh.

Dan l-ewwel aggravju qed jigi, ghalhekk, michud.

## Preskrizzjoni

Il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ta' hames (5) snin *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li, din il-Qorti taqbel, hija l-preskrizzjoni applikabbli f'kaz ta' appalt; l-ewwel Qorti ezaminat il-gurisprudenza li jikkonferma dan, u din il-Qorti ma jidhirliex li ghandha zzid fuq dak li qalet l-

ewwel Qorti dwar il-principju. Il-konvenuti jghidu li x-xoghol sar fl-1990 waqt li din il-kawza saret fl-1998, u allura skada iz-zmien preskritt.

Din il-Qorti tosserva, pero`, li l-perjodu preskrittiv invokat jibda jidekorri minn dakinhar li l-attrici setghet tinduna bid-diffetti ghax, f'dan il-kaz, trattandosi ta' appalt fejn ix-xoghol hafna drabi ma jkunx jidher, ma jistax jinghad li l-preskrizzjoni tibda tghaddi minn dakinhar li tlesta x-xoghol meta d-difetti ma jkunux riskontrati. It-terminu jibda jghaddi minn dakinhar li dak li jkun isir jaf bil-hsara jew difett, f'dan il-kaz minn meta sar il-hruq. Dan qalitu b'mod car din il-Qorti fil-kawza **Muscat v. Borg et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, fejn gie osservat hekk in propozitu:

*"L-ewwel Qorti rriteniet li, trattandosi hawn ta' kuntratt ta' appalt fejn id-danni huma dawk derivanti minn inadempjenza kuntrattwali, ghandha tapplika l-preskrizzjoni kwinkennali skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, u kwindi mhix sempliciment kawza ta' danni fejn il-preskrizzjoni hija addirittura wahda iqsar. Illi minn ezami tal-att tac-citazzjoni – partikolarment il-premessi – ghandu jirrizulta kjarament li tabilhaqq l-azzjoni attrici hija impernjata fuq appalt. Kwindi dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti kien korrett minn punto di vista ta' dritt. Hija kawza bbazata fuq kuntratt ta' appalt u ghall-fini ta' perjodu preskrittiv japplika allura l-Artikolu 2156(f) – dak jigifieri ta' hames snin. Dan il-perjodu jibda jiddekorri minn dakinhar li azzjoni ta' din ix-xorta setghet tigi ezercitata. Dan ifisser li f'dan il-kaz, <u>il-hames snin bdew jiddekorru minn meta l-attur sar jaf bil-hsara li lmenta dwar min xtara l-post minghandu</u> u mhux invece minn dakinhar li gew konfermati l-hsarat permezz ta' gudikat. L-attur, jekk tabilhaqq kien fi stat ta' certezza dwar il-fondatezza o meno tal-ilment dwar hsarat, dejjem seta' jissalvagwardja d-drittijiet tieghu billi jinterrompi l-preskrizzjoni b'att gudizzjarju."* (Sottolinear ta' din il-Qorti)

F'dan il-kaz, l-attrici "saret taf" bid-difetti meta sehh l-incendju, u kien f'dak il-mument li jista' jinghad li gie indott fiha l-"istat ta' certezza" li x-xoghol ma sarx kif suppost. Il-hruq sehh f'Marzu tal-1997, sena qabel il-ftuh ta' din il-

kawza, u kwindi ma jistax jinghad li din l-azzjoni hi preskritta.

**Prova dwar difett fix-xoghol**

B'dan l-aggravju, il-konvenuti jinsistu li ma saritx il-prova li l-hruq sehh minhabba difett fl-elettriku. Din il-Qorti ma taqbilx ghax fl-atti hemm l-affidavit ta' Neville Dimech li juri l-kuntrarju (fol. 126). Kif qalet l-ewwel Qorti fit-tieni sentenza taghha:

*"......ix-xoghol ta' dawl kien sar hazin kemm ghaliex ma kienx hemm wires addatti ghaliex ma kellhomx sahha ta' vultagg bizzejjed ghall-apparat li kien ser jitqabbad mal-plugs, u dan ghaliex il-life ma kienx bid-double circuits, meta f'postijiet bhal kcina suppost li hekk ikun. Barra minn dan kien hemm id-dawl mill-kcina ghaddej ghal gol-kamra li kienet tidher li tintuza bhal studju, fejn kien hemm geyser, kompjuter u heater imqabbdin. Dan in-nuqqas seta' wassal sabiex il-wires jishnu u jaqbdu. Gie stabbilit ukoll li d-daqs tal-wires ma kienx addattat ghas-sahha tal-apparat li wiehed isib id-dar partikolarment gol-kcina bhal forn, hood, microwave u fridge; u fl-ahhar nett kien hemm postijiet bhal kuridur fejn il-wires kienu kollha ta' kulur wiehed meta suppost ikun hemm erba' kuluri bil-konsegwenza li tkun trid tahdem ma tkunx tista' peress li ma tkunx taf liema huwa n-neutral u l-live."*

Il-konvenuti jghidu li l-attrici messa resqet bhala xhud lill-Inginier Victor Delceppo u/jew lill-Kevin Fenech li ghamel xoghol tal-elettriku fil-post, u messa pprovdiet is-*survey report* tas-socjeta` assiguratrici. Hu veru li l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-attrici, pero`, kif issir din il-prova jiddependi mill-istess attrici. F'dan il-kaz, l-attrici ressqet xhud indipendenti li b'mod skjett u car spejga x'wassal ghall-hruq. Ladarba saret din il-"prova", kien jispetta lill-konvenuti li jresqu l-provi biex jirribattu dak li gie muri. Il-konvenuti setghu jippruvaw iwaqqghu l-kredibilita` tax-xhud, pero`, ma jistghux jirritjenu li l-prova mhux attendibbli ghax saret minn persuna wahda u mhux tlieta! Ix-xhieda ta' persuna wahda, jekk emnuta, hi bizzejjed biex tirradika responsabbilta` u trattandosi tal-fatt li din hi

materja ta’ apprezzament tal-provi, din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, anke ghax tqis li, mill-provi prodotti, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet wahda gusta. Il-fatt li l-elettriku gie approvat mill-Korporazzjoni Enemalta, tant li gie awtorizzat li jithawwel *meter* fil-post, mhux rilevanti meta tqis li ma giex spjegat x’tip ta’ ezami sar u lanqas ir-rizultat tat-testijiet li setghu saru. Daqstant iehor hija rrilevanti c-cirkostanza li, kif ammettiet l-attrici, dakinhar li sehh il-hruq ma kien hemm xejn mixghul fil-kcina, u dan peress li xorta wahda jkun ghaddej l-elettriku anke b’*appliances* mitfija, u, inoltre fid-dar ikun hemm *appliances* li jahdmu “wahedhom”, bhala *fridge* u *geyser*, u l-kambjament li dawn jaghmlu b’mod awtomatiku jista’ jwassal ghall-hruq fis-sistema jekk ikun sar xoghol hazin, kif jirrizulta f’dan il-kaz. Lanqas ma hi skuza li l-attrici ziedet xi *appliances* wara li tlesta’ x-xoghol, ghax is-sistema trid tkun dejjem *safe*, b’mod li jekk ma tiflahx ghaz-zieda trid taqta’ u mhux tiehu in-nar! Hu car, kif anke osservat l-ewwel Qorti, li dak li gara ma kienx konsegwenza tal-*appliances* li l-attrici kellha fil-post, izda ghax ix-xoghol tal-elettriku kien sar hazin.

**<u>Quantum tad-danni</u>**

L-attrici, f’din il-kawza, talbet kumpens ta’ Lm10,629 izda l-ewwel Qorti qieset li ma setghetx tacetta l-valuri indikati mill-attrici; hi ghalhekk illikwidat kumpens f’ammont ta’ Lm3,533.40 (illum €8,230.61). L-attrici qed tippretendi aktar, waqt li l-konvenuti jridu jhallsu anqas. L-ewwel Qorti ghamlet il-likwidazzjoni taghha *arbitrio boni viri*, wara li qieset li hafna mill-oggetti meqruda ma kienux godda u zgur soffrew deprezzament tul iz-zmien li kienu qed jintuzaw; minhabba din ic-cirkostanza, naqset il-valuri b’60% ghall-*appliances*, u b’50% ghall-ghamara. L-ewwel Qorti ghamlet diversi tnaqqis iehor, u din il-Qorti ma jidhriliex li ghandha “tmiss” dawn il-valuri, biex, forsi iccaqlaq l-istimi xi ftit l-isfel jew il-fuq ghax tara li l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed sostanzjalment gust.

Rigward l-ilment tal-konvenuti li, *se mai*, sehem l-attrici tal-hsara kien biss ta’ nofs (peress li hi separata formalment

minn ma' zewgha), jinghad li, fis-separazzjoni, giet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, u d-dar bil-mobbli kollha ta' go fiha giet assenjata lill-attrici, u kwindi, l-oggetti saru taghha personali, u dan barra l-affarijiet li xtrat wara s-separazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali tal-konvenuti, kif ukoll mill-appell incidentali tal-attrici billi tichad l-istess, u tikkonferma *in toto* z-zewg sentenzi tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat mill-Prim Awla, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu kif gej: dawk marbuta mal-appell principali, mill-konvenuti appellanti, waqt li dawk marbuta mal-appell incidentali mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------